Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **10 ta' Mejju 2021**

**Riċetta denja ta' papa f'sessjoni ta' tisjir minn Heritage Malta**

Is-sensiela "The Inquisitor's Historic Cookalong Sessions" organizzata minn Heritage Malta se tkompli nhar il-Ħamis 27 ta' Mejju b'riċetta denja ta' papa u webinar dwar il-produzzjoni u l-użu tal-għasel f'Malta fis-seklu 17 u 18.

Din is-sessjoni se ssir flimkien ma' Taste History – pjattaforma ta' storiċi tal-ikel, kuraturi u kokijiet li matul dawn l-aħħar snin raw lil Heritage Malta toffri esperjenzi kulinari uniċi. Din is-seba' attività f'din is-sensiela se ssir online u se tibda b'filmat qasir dwar l-istorja tal-għasel f'Malta, segwit mir-riċetta u mbagħad minn opportunità għall-parteċipanti biex jagħmlu mistoqsijiet lil tim ta' esperti.

Matul il-filmat, Dott. Noel Buttigieg, li jgħallem dwar il-wirt u l-kultura tal-ikel fl-Università ta' Malta, u s-Sur Kenneth Cassar, Kuratur Anzjan għall-Etnografija u l-Arti fi ħdan Heritage Malta, se jagħtu tagħrif fil-qosor dwar l-istorja tat-trobbija tan-naħal f'Malta u d-diversi għanijiet li għalihom intuża l-għasel matul is-sekli.

Ix-chef Joseph Cassar imbagħad se juża riċetta tas-seklu 18 biex joħloq Pan Papato, tip ta' ħelu magħmul minn ingredjenti lussużi għall-imwejjed tal-aristokratiċi, li possibbilment minnu oriġina l-kejk tal-Milied li nagħmlu llum. Ir-riċetti kollha li jintużaw f'dawn is-sessjonijiet huma msejsa fuq arkivji li jinsabu f'Malta u f'dan il-każ ġie kkonsultat manuskritt tar-riċetti li jmur lura għall-1748. Huwa magħruf ukoll li l-Papa Alessandru VII, li qabel ma laħaq papa kien l-Inkwiżitur Fabio Chigi u għex fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu, tul il-papat tiegħu kellu ktieb tar-riċetti miktub mill-kok tiegħu li kien jinkludi riċetta tal-Pan Papato.

Wara li jitlesta t-tisjir, il-parteċipanti jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom lil Dott. Noel Buttigieg, is-Sur Kenneth Cassar u Chef Joseph Cassar.

Is-sessjoni se tkun bl-Ingliż u tibda fis-7.00pm. Il-parteċipanti għandhom jirreġistraw minn qabel hawnhekk:
https://zoom.us/webinar/register/WN_U_jBwCdASBCZTlIPmf9cSA